MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2010

Numru. 439/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
**Spettur Christopher Pullicino**

**vs**

**Paul Borg**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Paul Borg ta' 55 sena, iben Francesco u Antonina nee' Barbara, imwieled Zurrieq fl-14 ta' Mejju, 1954 u residenti 9, Triq l-Inkurunazzjoni, Sqaq Nru 5, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 426654M gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-22 ta' Frar 2010 gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Floriana halef il-falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, liema gurament kien mehtieg mill-ligi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' wahda mill-qrati ta' Malta.

Fil-21 ta' Frar 2010 ghall-habta ta' s-sitta u nofs ta' filghaxija u fil-granet segwenti, f'Marsaxlokk u/jew bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, xjentement issopriema jew b'xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew l-indizzji ta' reat liema reat huwa delitt suggett ghall-piena ta' mhux anqas mill-piena ta' prigunerija ghall-zmien sena.

Fil-21 ta' Frar 2010 ghall-habta ta' s-sitta u nofs ta' filghaxija u fil-granet segwenti, f'Marsaxlokk u/jew bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew d-dintorni tieghu xi arma ta' nar, jew munizzjon minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' April 2010 (esebit a fol. 9 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-11 ta' Gunju 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk jrid jerga' lura minnha u kien

biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-konsegwenzi gravi ta' dak li ghamel l-imputat li heba' arma li ntuzat f'allegat omicidju izda kkunsidrat ukoll li kien l-imputat stess li wara ftit granet ikkonsenja l-istess arma lil Pulizija u kkunsidrat ukoll li huwa rregistra ammisjoni fi stadju bikri tal-proceduri.  Il-Qorti ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi ghandu jigi applikat l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligiijet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 108 u 111 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 5 u 51(2) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah erbatax (14) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta' tlett (3) snin millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 109(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna l-interdizzjoni generali tal-imputat ghal zmien ghaxar (10) snin millum u ghall-istess perijodu timpedih milli jservi bhala xhud hlief fil-Qrati tal-Gustizzja.

Il-Qorti inoltre tordna li estratt ta' din is-sentenza jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 10(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------